MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru. 757/2004

**IL-PULIZIJA**
**(SP. ANTHONY PORTELLI)**

**KONTRA**

**RAYMOND GATT TA' 37 SENA,**
**IBEN EMANUEL U MARY NEE BORG,**
**IMWIELED MTARFA NAHR ID-19 TA' FRAR, 1967,**
**U REISENTI FIL-FOND NUMRU 34, TRIQ SAN FILIPPU,**
**L-ISLA DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' BIN-NUMRU**
**124067 (M)**

**KEITH PACE TA' 24 SENA IBEN LAWRENCE U**
**EMANUELA NEE VELLA, IMWIELED PIETA'**
**NHAR L-10 TA' LULJU, 1980 U RESIDENTI FIL-FOND**
**NUMRU 49, TRIQ ZERAFA, MARSA DETENTUR**
**TAL-KARTA TAL-IDENTITA' BIN-NUMRU 327480 (M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra l-hawn fuq imsemmija Raymond Gatt u Keith Pace li gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Awissu, 2004 waqt li kienu il-Marsa, bill-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe seq ta' ghodod minn vettura ta' l-ghamla Kia Ceres bin-numru tar-registrazzjoni BBH-014 urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi ll-Lm 100 izda li ma jeccedix Lm 1000, ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghad-detriment ta' Sultan Dabous mill-Marsa;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara flimsemmija vettura, liema hsara tiskorri l-Lm 50  izda anqas minn Lm 500, u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Sultan Dabous mill-Marsa;

Akkuzati wkoll talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux iktar jigu mhassra.

Kif ukoll li waqt l-interrogatorju wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu kif ukoll li taw il-kunsens ghal proceduir sommarji.  Rat li f'dan ir-rigward il-kunsens tal-Avukat Generali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha.

Ikkonsidrat

Illi primarjament dawn il-provi jistriehu hafna, pero' mhux mod esklussiv, fuq l-istqarrijiet tal-ko-imputati.  Xhieda l-ohra huma pulizija li fil-fatt sabu lill-ko-imputati fil-vicinanzi tal-karozza li kienet se ssofri s-serq – ghalhekk f'dan ir-

rigward rat ix-xhieda ta’ PC 807 Felix Vella PS 1336 Jesmond Micallef (vide Dok JM fol 47), PS 710 Joseph Mangion (vide Dok JM fol 52).

Issa l-ko imputati t-tnejn irrilaxxaw stqarrijiet it-tehid taghhom, wahda akar mill-ohra ferm ikkontestati. Ghalhekk Raymond Gatt qal illi waqt li mal-ko imputat l-iehor kienu ghaddejjin fl-inhawi tat-Tiger Bar il-Marsa, lemhu van li fih kellu jigger, iddecidew li johduh (il-jigger). Ammettta l-parti tieghu fejn b’tornavit prova jisgassa l-van u li anke pprova jiftah il-bieba ta’ wara. Qal li wat dana huwa ddejjaq u ssuggerixxa li jmorru l-hemm hekk gara. Fl-istess inhawi gew arrestati mill-pulizija.

Ovvjament il-piz probatorju ta’ din l-istqarrija huwa u jista’ jkun biss fil-konfront tar-rilaxxant taghha Raymond Gatt.

Keith Pace min-naha tieghu qal li gol-van in kwistjoni ra jigger. Qal li beda jara nies mill-gallerija u ddecieda li kellhom imorru ‘l hemm ghax kienu qed jarawhom in-nies. Qal li hu rikeb fil-karozza ghax beda jibza. Qal ukoll li sfrattat is-serqa ghax kienu gejjin il-pulizija. Waqqfuhom il-pulizija u arrestawhom.

Issa d-Difiza ta’ Raymond Gatt allegat illi l-istess Gatt ammetta l-akkuzi fl-istqarrija biss ghaliex gie mwieghed mill-Ispettur Prosekutur, allura dak lil-hin investiattiv, illi jekk kien se jikkopera allura jammetti l-akkuzi ma kinitx se tinzammlu l-vettura. Dan ghaliex kif ben jirrizulta illi dan l-allegat attentat ta’ serq sar billi l-imptuat kienu fil-vettura ta’ Rayumond Gatt cioe Skoda Rapid ta’ lew blu bin-numru ta’ registrazzjoni IAS 692.

Illi ghalhekk l-Ispettur Portelli gie mistoqsi jekkk waqt l-istqarrija Gatt kienx ammetta biss meta sar jaf li kienet se tittiehidlu l-vettura Portelli kien kategoriku fic-cahda tieghu li hu lil Gatt ma weghdu xejn. Anzi nsista li hu lil GAtt qallu li ma setax jaghtih il-karozza ghax vettura maqbuda b’konnessjoni ma’ reat jinzamm ghand il-pulizija. Qal ukoll li mill-istqarrijiet dan it-tentattiv ma tkomplix minhabba li lemhu l-pulizija.

Ghalhekk ix-xhud ta’ l-istqarrijiet (it-tnejn) PS 162 Joseph Howard xehed li kemm hu kif ukolll l-ispettur dejjem qalu li jikkopear jew ma jikkoperax ma kinitx se taghmel differenza u cioe li kienet irrelevanti jikkoperax jew le u cioe il-karozza jekk kellha tinzamm, tinzamm. Ikkonferma li verament Gatt kien koncernat kienx se jitlef il-vettura jew le. Innega li sar xi diskors ma’ Gatt ta’ favoreggjaemnti jekk dan kien jikkopeara.

Xehed ukoll certu Sultan Douban sid ill-van li sofra l-isgass. Qal li l-ghodda li kellu fih, tieghu u ta’ zijuh, kienet tiswa cirka Lm 600 jew Lm 700. Dwar hsarat tkellmu fuq twieqi u bieb tal-van versu l-prezz ta’ Lm 90. Esebixxa ricevuta tal-VAT fol 87.

Din l-ircevuta gie ad okkjo ma knitix wahda felici – ghalhekk ittella’ jixhed certu Anthony Gauci l-persuna li possibilment sewwiet il-van sgassat. Muri l-ircevuta tal-VAT u moghti l-caution minhabba l-istess jikkonferma li hu kien gharaf il-van bhala li kienu gew xi Gharab biex jirrangalhom il-van. Qal li gharaf il-van bhala wiehed li kien irranga xihaga minnu (fol 99). Ammetta pero’ li dik l-ircevuta kienet wahda li kellha tghajjat karozza ohra (mercedes) xorta ta’ l-Gharab u li x-xoghol fuq il-van bhala tiswija ammonta ghal cirka aktar minn Lm 50 (fol 107). Qabel li l-ircevuta esebita kienet fir-rigward ta’ tiswija ta’ Mercedes an pero’ kien kategoriku dwar il-fatt li ghamel it-tiswijiet fuq il-van u li swew aktar minn Lm 50.

Rat ukoll is-sentenzi esebiti fil-konfront tar-recidiva kontra l-akkuzati, cioe Dok AC fol 61, rat ghalhekk ix-xhieda ta’ l-Ispettur A. Caruana bhala prova ta’ l-istess Dok NC fol 66 u x-xhieda ta’ l-Ispettur Noel Cutjar, Dok AB fol 69 x-xhieda tal-kuntistabbli PC 235 fol 89.

Rat ukoll li l-imputati ghazlu li jiddeponu minn jeddhom. Raymond Gatt qal li l-akkuza kienet falza ghax il-van lanqas intmiss. Innega li mess xi ghodda. Qal li kien nofs mil il-boghod mill-post li akkuzawh fuqu. Qal dwar l-istqarrija, li waqt it-tehid ta’ l-istess qaluli li jekk ma kienx se jikkopera kienu se jzommulu l-karozza – ghalhekk

iddecieda li jaghmel statement (fol 130). Qal ili ghamel l-istatement biex jiehu l-karozza lura ghax stante li kellu dizabilita', kienet tlett kwarti minn saqajh. Qal lukolll talli kkopera mieghu, l-ispettur tah il-karozza biex jitlaq biha, li ghalhekk geghlu jaghmel l-istatement.

Min-naha tieghu Keith Pace ukoll ghazel li jattakka l-istqarrija minnu rilaxxata. Ammetta li ghaddew minn hdejn van pero' qal li ma missewhx. Raw van mitluq pero' ma ghamlu xejn anzi "Ergajna rkibna fil-karozza ta' ...... u tlaqna", (fol 154). Fil-main road waqqfuhom il-pulizija. Qal ukoll li l-Ufficjal Prosekutur qallu li jekk jammetti kien se jitilqu. Hekk ghamel u hekk gara.

Ikkonsidrat

Illi frankament il-Qorti ma tistax tifhem il-linja difensjonali migjuba. Ma trids gherf biex tifhem, dan qed jinghad ghall-imputati, li jekk tammetta involviment f'serqa, anke attentat, il-vettura in kwistjoni hekk uzuata, zgur li se igi kompromessa. Allura din il-promessa li suppost ghamel l-ufficjal Prosektur hija pjuttost perplessanti – ammetta ghal attentat ta' serq u naghtik il-vettura lura. Aktar esagerata u m'ghandhiex mill-veru l-iskuza ta' Keith Pace ghal rrilaxxa l-istqarrija – ammetti u nitilqek – dak li suppost weghdu l-Ufficjal Prosekutur. Senjalament ukoll Pace viva voce anke jghid li ghadda minn hdejn van, ma missux, pero' reggha tela' fil-vettura. Wiehed isaqsi x'kien qed jaghmel allura f'Albert Town miexi hdejn van skondtu mitluq, li ma messx, pero' hass li kellu jerga' jitla' fil-vettura ta' Gatt?

Minn harsa lejn l-istatement ta' Pace wiehed ghandu jinduna wkoll li s-serqa ma tkomplietx minhabba li tfaccaw il-pulizija.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis l-iskuzi u r-ragunijiet imressqa mill-imputati bhala ferm fjakki – zgur li l-van in kwistjoni gie sgassat – zgur li l-imputati kienu hemm vicin u hemm gew intercettati mill-pulizija – zgur ukoll li l-imputati dan il-van rawh u kienu ferm konxju minnu – zgur

li l-imputati ddesistew mis-serqa ghax fuq il-post waslu l-pulizija.

Rat ghaldaqstant l-artikoli 17, 31, 41, 261, 263, 270, 279, 325, 49 u 50 ilkoll tal-Kap.9 u ssibhom hatja ta' l-istess.

Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali, tqis li t-tnejn ghandhom ibatu piena karcerarja ta' sena.

Tordna l-Qorti li ssir investigazzjoni ulterjuri fuq anthony Gauci dan in konfront tal-proceduri li minnu qed jittiehdu fir-rispett tal-VAT.

Tordna wkoll il-konfiska tal-vettura BBH-014.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------